MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru 951/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Versus**

**Rhonda Carmen Zammit**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rhonda Carmen Zammit ta’ 27 sena bint George Anthony Zammit u Victoria Ellen xedbba Bugg, imwielda Whitechapel, l-Ingilterra nhar it-18 ta’ Ġunju 1980 u residenti Numru 16 Triq Monsinjur Mikiel Azoopardi Mosta u detentriċi tal-karta tal-identita’ bin-numru 197101 (L)

Akkużata talli:

1) Fid-9 ta’ Lulju 2006 għall-ħabta tat-8.00am b’nuqqas t’a ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fil-professjoni

tagħha jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunat ferita gravi fuq il-persuna ta' Mary Chetcuti detentriċi tal-karta tal-identita' 59356 (M) hekk kif iċċertifikat Dr.Janika Borg tal-Isptar ta' San Luqa, liema ferita aktarx tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem jew marda permanenti tal-moħħ jew iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn u dan ai termini tal-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) U aktar talli fl-istess data' ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħha jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunat ferita gravi fuq il-persuna ta' David Whitton hekk kif iċċertifikat Dr Mirna Aoudi Reg No 2839 tal-Isptar San Luqa liema ferita aktarx tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem jew marda permanenti tal-moħħ jew iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn u dan ai termini tal-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas t'a ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħha jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti , ikkaġunat ħruq jew għamlet xi ħsara jeew ħassret jew għarrqet vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta-reġistrazzjoni JBI -343 għad-detriment ta' Francesco Chetcuti ID 250755 (M) u dan ai termini tal-artikoli 3128(b) u 328(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saqet l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż u dan ai termini tal-artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Prosekuzzjoni tablet lill-Qorti sabiex tiskwalifika lill-imputata mil-liċenzji kollha tas-sewqan għal dak il-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol.4, il-kunsens tal-imputata sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali netta tal-imputata kif ukoll il-proċes-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Giovanni Grixti fl-ismijiet 'Inkjesta dwar persuna li weġġgħet gravi wara li kienet involuta f'inċident tat-traffiku fi Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħak nhar id-9 ta' Lulju 2006'.

4. Rat li l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2009 liema ammissjoni l-imputata kkonferma wara li ngħatat żmien biżżejjed biex taħsibha.

5. Stante l-ammissjoni l-imputazzjonijiet kienu ppruvati skond il-Liġi.

Ikkonsidrat

6. Mill-atti jirriżulta li l-imputata kienet qed issuq il-Peugoet mudell 206 bin-numru ta-reġistrazzjoni CBO-081. Hija laqtet fuq in-naħa ta' wara n-naħa tal-lemin lill-karozza Toyota mudell Vitz bin-numur tar-reġistrazzjoni JBI-343 u bl-istess ħabta ż-żewġ vetturi tilfu l-kontroll. Skond ir-relazzjoni:

*'It-Toyota Vitz tilfet il-kontroll, ġibdet lejn ix-xellug, laqtet il-kurdun tal-bankina, telgħet fuq il-bankina u ħabtet maċ-ċint li hemm jifred il-bankina mill-blat tal-kosta u waqgħet taħt l-istess ċint.*

*Il-Peugeot ġibed ukoll aktar 'il qudiem fuq ix-xellug, fejn rikeb il-bankina, ħabat u tajjar iċ-ċint u spiċċa jitgerbeb fuq il-blat sa distanza ta'madwar erba' mitt metru u wasal maqlub fuq is-saqaf tal-vettura b'parti minha fil-baħar baxx.'*

7. Jirriżulta li fl-istess karozza tal-imputata kien hemm rekbin Glenn Gorman u David Whitton.

8. Miċ-ċertifikati mediċi, jidher li:

a) Mary Chetcuti kellha fracture of Li vertebra; Tenderness over shoulders, sternum and right upper quadrant; in-natura tal-offiża kienet serja; (fol29)

b) L-imputata stess kellha abrasions in R shoulder, seat belt injury; tenderness central spine u ż-żewġ saqajn; in-natura tal-offiżi kienet ħafifa; (fol 30);

ċ) Glenn Andrew Scott Gorman kellu abrasions on trunk and limbs; in-natura tal-offiża kienet deskritta bħala waħda ħafifa;

d) David Whitton kien fil-perikolu tal-mewt (ara fol.32). Ara lista estensiva ta' offiżi fl-istess fol. 32. Il-kundizzjoni ta' Whitton baqgħet titjieb u eventwalment kien ġie liċenzjat mill-Isptar San Luqa nhar il-11 ta' Settembru 2006.

9. Dwar il-ħsarat fil-karozzi, l-espert maħtur matul l-inkjesta stabilixxa li l-ħsarat ma kinux kaġunati minħabba xi f'xi sistema minn tal-vetturi li seħħet qabel l-inċident.

**Konklużjoni.**

10. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(f) u 17(h), 226(1)(a), 328(b)(d) tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 15(1) u 15(2) tal-Kap 65 issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha b'dan pero' li t-tielet imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni.

11. Dwar il-piena l-Qorti kkonsidrat li l-imputata għamlet ammissjoni bikrija kif ukoll li l-fedina penali tagħha hija nadifa għal kollox.

12. Għalhekk qed tikkundanna lill-imputata tħallas multa ta' **€1700** liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament issir fi żmien erba' ġimgħat mil-

lum. Jekk xi pagament ma jseħħx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65.

**13. Il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputata milli ssuq xi vettura għal tliet xhur mil-lum.**

14. Fl-aħħarnett, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna tħallas l-ispejjeż tal-esperti li nħatru fil-mori tal-inkjesta u dan għaliex l-inkjesta saret wara s-16 ta' Jannar 2006. L-ispejjeż jammontaw għal **€834.53 jew kull somma verjuri oħra li jiddetermina r-reġistratur** u għandhom jitħallsu fi żmien xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------